# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 12 ta' April, 2018**

**Kawża Nru. 11**

**Rik. Nru. 1043/07JRM**

Simon **BORG**, Michael Faenza, Patrick Mercieca u Carmel Pace

vs

Geoffrey **FARRUĠIA** f'ismu personali u kif eżerċenti n-negozju bħala '*A1*'

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-8 ta' Ottubru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) tordna lill-imħarrek iħallashom lura kull ħlas li tawh ladarba naqas li jwettaq ix-xogħol ta' bini u żvilupp ta' sit elettroniku ('*website*') skond il-ftehim li sar bejniethom bil-kitba tal-10 ta' April, 2006; (b) tillikwida l-penali dovuta lilhom skond l-istess kitba minħabba li l-imħarrek ma wettaqx fil-ħin dak li tqabbad jagħmel; (ċ) tikkundanna lill-imħarrek iħallashom il-penali hekk likwidati; (d) tillikwida kull dannu mġarrab minnhom minħabba l-inadempjenza tal-imħarrek minbarra

l-penali skond l-imsemmija kitba; u (e) tikkundanna lill-imħarrek iħallashom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ottubru, 2007[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-28 ta' Novembru, 2007, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-atturi Michael Faenza, Patrick Mercieca u Carmel Pace iridu jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom f'din il-kawża. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet attriċi ma humiex mistħoqqa u ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex huwa wettaq kull rabta li daħal għaliha u li hija mnissla mill-kitba tal-10 ta' April, 2006. Żied jgħid li l-partijiet issaldaw il-pretensjonijiet kollha ta' bejniethom u għaldaqstant ma fadal ebda rifużjoni ta' ħlasijiet, penali jew danni; u kif ukoll li t-talbiet attriċi huma legalment insostenibbli billi l-atturi aċċettaw, irċevew u baqgħu jżommu s-sit elettroniku in kwestjoni;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet u d-dokumenti mressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ġunju, 2016[2], li bih tat lill-partijiet il-fakulta` li jittrattaw il-każ bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fil-11 ta' April, 2017[3];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-26 ta' Ġunju, 2017[4], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Ottubru, 2017[5], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal rifużjoni ta' ħlasijiet u likwidazzjoni ta' penali u danni minħabba nuqqas ta' twettiq fiż-żmien min-naħa tal-imħarrek ta' obbligazzjoni miftehma miegħu f'kuntratt. L-atturi jgħidu li qabbdu lill-imħarrek jiżviluppa sit elettroniku ('*website*') u dan tnikker u ma tahomx dak li ftehmu miegħu fiż-

[1] Paġ 11 – 2 tal-proċess
[2] Paġ. 249 tal-proċess
[3] Paġġ. 257 – 260 tal-proċess
[4] Paġġ. 264A – 264J tal-proċess
[5] Paġ. 267 tal-proċess

żmien miftiehem. Iridu li huwa jroddilhom lura l-ħlasijiet li ħallsuh matul iż-żmien li kien għaddej il-ftehim u li jħallashom il-penali miftehma, wara li l-Qorti tillikwidaha. Minbarra dan, qegħdin jitolbu wkoll li l-Qorti ssibu ħati ta' danni oħrajn li ġarrbu minħabba li kienu ntrabtu ma' terzi u ma setgħux iżommu r-rabtiet tagħhom minħabba d-dewmien min-naħa tal-imħarrek;

Illi min-naħa tiegħu, l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-atturi Michael Faenza, Patrick Mercieca u Carmel Pace iridu jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom f'din il-kawża. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet attriċi ma humiex mistħoqqa u ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex huwa wettaq kull rabta li daħal għaliha u li hija mnissla mill-kitba tal-10 ta' April, 2006. Żied jgħid li l-partijiet issaldaw il-pretensjonijiet kollha ta' bejniethom u għaldaqstant ma fadal ebda rifużjoni ta' ħlasijiet, penali jew danni x'issir; u kif ukoll li t-talbiet attriċi huma legalment insostenibbli billi l-atturi aċċettaw, irċevew u baqgħu jżommu s-sit elettroniku in kwestjoni konsenjat lilhom minnu;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża</u> jirriżulta li l-atturi xxierku bejniethom u ħadmu flimkien bil-għan li jibnu sit elettroniku ('*website*') li bih kien fi ħsiebhom joffru lill-pubbliku li jaċċedi għalih servizzi ta' reklamar ta' prodotti u li kellhom isemmuh "*Top Bargains Malta*" (minn issa 'l hemm imsejjaħ "is-Sit"). Għalkemm huma persuni tekniċi, jistqarru li mhumiex ġejjin mill-qasam tal-informatika[6];

Illi fl-10 ta' April, 2006, l-attur Simon Borġ[7] daħal fi ftehim ma Geoffrey Farruġia bħala direttur tad-ditta '*A1*', persuna kwalifikata fil-qasam tal-informatika[8], sabiex joħloq u jibni s-Sit li kellu jkollu diversi "*features*", fosthom li min jaċċedi għalih seta' jixtri dirett minn fuqu ('*online*'), isegwi aġġornamenti tal-aħbarijiet, *sports* u saħansitra jkollu aċċess għal siti oħra. Il-partijiet qablu li s-Sit kellu jkun lest sal-5 ta' Ġunju, 2006, suġġett għal penali ta' għaxar Liri Maltin (Lm10) kuljum f'każ ta' nuqqas minħabba dewmien. Il-proġett kellu jqum disa' mija u Lira Maltin (Lm901). L-imħarrek tħallas depożitu fuq mal-ftehim ta' tliet mija u sebgħin Lira Maltin (Lm370)[9];

Illi l-imħarrek jgħid li kulma ntrabat li jagħmel fil-ftehim għamlu u għamlu sew. L-atturi bdew jirriklamaw is-Sit fuq il-meżżi tax-xandir[10] u nfetaħ għall-pubbliku f'Awwissu ta' dik is-sena u dam aċċessibbli għall-pubbliku għal madwar tliet xhur. Il-pubbliku kien beda juri interess fis-Sit[11]. L-imħarrek

---

[6] Ara x-xhieda tal-attur Simon Borġ mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 225 tal-proċess. Ara wkoll dik tal-attur Patrick Mercieca mogħtija fil-kontro-eżami f'paġġ. 245 – 6 tal-proċess
[7] Ara x-xhieda tal-attur Simon Borġ f'paġ. 162 tal-proċess
[8] Ara l-affidavit tal-imħarrek f'paġ. 39 tal-proċess
[9] Dok. "A" f'paġġ. 4 – 10 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 50 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda tal-imħarrek mogħtijaf il-kontro-eżami f'paġ. 104 tal-proċess, u x-xhieda tal-attur Mercieca f'paġ. 215 tal-proċess

jgħid li l-ħeġġa u l-ambizzjoni tal-atturi fil-proġett kibret u huwa ntalab jagħmel xogħol ieħor għas-Sit lil hinn minn dak miftiehem fil-kitba ta'April tal-2006[12]. Dan wassal ukoll biex ma laħħaqx ix-xogħol miftiehem fuq il-kuntratt sad-data maqbula[13]. Jirriżulta li l-imħarrek tħallas l-ammont kollu miftiehem fuq il-ftehim tal-10 ta' April, 2006 u ta' kull xogħol ieħor li ġie mqabbad jagħmel b'żieda ma' dak miftiehem fil-bidu[14];

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi jgħidu li għalkemm is-Sit kien aċċessibbli għall-pubbliku, huma ma kinux sodisfatti bis-servizz li ngħataw mill-imħarrek[15]. Jgħidu wkoll li l-imħarrek ma żammx maż-żmien miftiehem[16], u ma għaddielhomx ix-xogħol kollu li kien ħadem[17];

Illi jirriżulta li l-atturi qatgħu għal kollox minn mal-imħarrek f'Diċembru tal-2006[18], u l-kumpannija li kien fi ħsiebhom jiffurmaw bejniethom qatt ma ġiet reġistrata[19];

Illi l-atturi fetħu din il-kawża fit-8 ta' Ottubru, 2007;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali f'din il-kawża li jitolbu stħarriġ jintrabtu mal-kwestjoni tad-dewmien allegat mill-atturi u l-konsegwenzi li jirriżultaw minnu. L-atturi jibnu l-kawża tagħhom fuq in-nuqqas ta' twettiq fil-ħin min-naħa tal-imħarrek tal-appalt mogħti lilu. Minħabba f'hekk, jippretendu li l-imħarrek imissu irodd lura kull ħlas li kienu tawh u li jħallashom ukoll il-penali minħabba d-dewmien u d-danni minħabba li ma setgħux iżommu l-kelma tagħhom ma' dawk li kienu wegħduhom is-servizz fuq is-Sit. L-imħarrek jilqa' għax-xiljiet attriċi billi jgħid li xogħolu għamlu sewwa u fiż-żmien miftiehem u kien saħansitra tqabbad jagħmel xogħol ieħor li ma mkienx miftiehem fil-bidu u tħallas ta' kulma tqabbad jagħmel. Fid-dikjarazzjoni maħlufa tiegħu jallega li d-dewmien kien ħtija tal-atturi nfushom li talbuh jagħmel xogħol lil hinn minn dak miftieħem fil-kuntratt;

Illi qabel kull ħaġa oħra l-Qorti jeħtieġ li tindirizza l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** mressqa mill-imħarrek, li tgħid li tlieta mill-erba' atturi (jiġifieri l-atturi Michael Faenza, Patrick Merċieca u Carmel Paċe) jridu juru l-interess ġuridiku tagħhom, billi huma ma dehrux fuq il-kitba tal-ftehim tal-appalt mogħti lill-imħarrek;

[12] Ara x-xhieda tal-imħarrek mogħtija fil-kontro-eżami f'paġġ. 102 – 3 tal-proċess. Ara wkoll dik ta' Ġużeppina Farruġia f'paġġ. 66 – 7 tal-proċess, u d-dokumenti eżebiti minnha f'paġġ. 115 – 141 tal-proċess.
[13] Ara affidavit tal-imħarrek Farruġia f'paġ. 40 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda tal-attur Borġ f'paġġ. 175 – 6 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "MFE" f'paġ. 191 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda tal-attur Borġ f'paġġ. 169, 171 tal-proċess. Ara wkoll dik tal-attur Faenza f'paġġ. 200 – 20 u 212 – 4 tal-proċess
[16] Ara Dokti. "MFA" sa "MFD" f'paġġ. 183 sa 190 tal-proċess
[17] *Ibid* paġ. 174 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda tal-attur Borġ f'paġ. 196 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda tal-attur Borġ mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 228 tal-proċess

Illi dwar din l-eċċezzjoni l-imħarrek jistrieħ fuq l-argument li ma jirriżultax illi l-atturi li ma kinux dehru fuq il-kitba kienu awtorizzaw lill-attur Borġ biex jidher f'isimhom fuq il-ftehim tal-appalt, filwaqt li wħud minnhom lanqas biss kienu preżenti meta ġie ffirmat il-kuntratt;

Illi l-kwestjoni ta' x'inhu l-interess ġuridiku meħtieġ fl-attur f'kawża ilha tkun mistħarrġa mill-Qrati tagħna, u dan għaliex il-liġi ilha żmien twil titlob dan ir-rekwiżit fl-att li bih tinbeda kawża;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ fl-attur irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali[20]. L-interess irid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew lilu jkun mistħoqq[21];

Illi l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu il-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, issir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[22];

Illi għar-rigward ta' l-aspett ta' attwalita` tal-interess tal-attur, azzjoni tista' sseħħ u titqies imsejsa b'interess kif imiss kemm-il darba tkun kapaċi li tipproduċi riżultat vantaġġuż jew utli għal min jipproponiha u li dak ir-riżultat jista' jiġi utilizzat[23]. Barra minn dan, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos jew jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża[24];

Illi l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tar-Rikors Maħluf innifsu[25], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi f'dak l-att ġudizzjarju promotur, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat mill-parti mħarrka[26];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tal-imħarrek f'din il-kawża. Filwaqt li huwa minnu li mandant m'għandux azzjoni kontra dawk li magħhom il-mandatarju jkun ikkuntratta[27], mix-xhieda mressqa

[20] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[21] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[22] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buhaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[23] Ara App. Ċiv. **27.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Bond vs Mangion et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.385**). Ara wkoll App. Ċiv. **14.9.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Millard vs Said et noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.299**)
[24] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)
[25] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[26] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)
[27] Art. 1871 Kodiċi Ċivili

matul is-smigħ tal-kawża l-Qorti tasal għall-fehma li l-atturi kollha kienu parti f'dan il-ftehim ukoll jekk fiżikament ma kinux kollha li dehru fuq il-kitba li biha ngħata l-appalt lill-imħarrek. Il-preżenza fiżika tal-atturi Faenza u Pace flimkien mal-attur Borġ waqt li ġie ffirmat il-kuntratt tixhed dan. Mill-fatti mressqa joħroġ ċar ukoll l-involviment tal-erba' atturi fil-proġett li kellhom f'moħħhom jagħmlu b'riħet is-Sit. Mill-istess provi joħroġ ukoll li l-imħarrek kien jaf bl-atturi u bil-fatt li kienu xxierku flimkien f'dan ir-rigward;

Il-Qorti għaldaqstant tqis l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek bħala mhix mistħoqqa u mhux sejra tilqagħha;

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tqis l-**azzjoni attriċi fil-mertu** u tibda billi tqis il-kwestjoni tad-dewmien allegat fit-twettiq. Kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[28]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[29]. Biex itaffi dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[30]. Fil-każ tal-lum, jidher li l-imħarrek jistkenn wara r-raġuni li dak li ma lestiex fil-ħin jaħtu għalih l-atturi li qabbduh jagħmel xogħol lil hinn minn dak miftiehem fil-kuntratt oriġinali;

Illi din id-difiża mhija xejn għajr dik magħrufa bħala *non rite adimplendi contractus* li, titfa' fuq il-parti kontraenti eċċipjenti l-piż li tipprova li dak minnha allegat ġara tassew kif tgħid hi;

Illi mhijiex ħaġa ta' barra minn hawn li bosta drabi appaltatur isib li, hu u għaddej ix-xogħol li jitqabbad jagħmel u li jkun ftiehem dwaru, ikollu jagħmel xogħol ieħor biex ix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel isir sew jew jagħti r-riżultat mistenni lill-appaltant. Dan jista' jseħħ jew minħabba li, min-natura nfisha tal-appalt mogħti, tinħoloq il-ħtieġa ta' xogħol żejjed, jew inkella għaliex, hu u għaddej ix-xogħol, l-appaltant jitlob li jsiru xogħlijiet oħrajn ('*extra works*'). Mhux kull xogħol imwettaq żejjed f'appalt jista' jitqies bħala "*extra works*" fis-sens hawn imfisser[31];

Illi ġie stabilit ukoll li meta jingħata xogħol b'żieda waqt li jkun qiegħed jitwettaq appalt, u ma jkunx sar ftehim ġdid, dak ix-xogħol żejjed għandu jitqies

[28] Art. 1132(1) Kap. 16
[29] Art. 1133 tal-Kap. 16
[30] Art. 1134 tal-Kap. 16
[31] P.A. AJM **5.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Louise Sant Fournier noe vs Jawad Shaikh et***

bħala estensjoni tal-appalt kif miftiehem fil-bidu, bl-istess rata ta' ħlas[32]. F'każ li jitnissel dubju jekk kienx sar ftehim ġdid u sakemm ma ssirx prova ta' ftehim xort'oħra, xogħol żejjed li jitwettaq f'appalt li fih ikun sar ftehim dwar il-ħlas, jitqies bħala estensjoni ta' dak l-appalt u mħares bl-istess ftehim[33];

Illi l-liġi tagħna[34] timxi mar-regola li l-bidla jew żieda fix-xogħol miftiehem f'appalt ta' bini jew ta' "xogħol ieħor kbir" ma tagħtix jedd lill-appaltatur għal żieda fil-prezz, sakemm dawk il-bidliet jew żieda ma jkunux gravużi għalih. Il-liġi ma jidhirx li tagħmel distinzjoni – bħalma jidher li teżisti f'liġijiet ta' pajjiżi oħrajn[35] – bejn meta x-xogħol ġdid jew żejjed ikun inħoloq bla maħsub min-natura nnifisha tal-appalt u meta dak ix-xogħol ikun intalab mill-kommittent minn rajh. Jidher li l-kriterju waħdieni fil-liġi tagħna huwa dak li l-bidliet ikunu għamlu l-appalt mogħti aktar gravuż għall-appaltatur;

Illi dwar jekk kienx minnu li l-imħarrek tassew sab ma' wiċċu ċirkustanzi lil hinn mir-rieda u mis-setgħa tiegħu li żammewh milli jagħti fiż-żmien miftiehem ix-xogħol ordnat, din il-Qorti tqis li biex jista' jingħad li parti kontraenti titqiegħed fl-impossibilita` li twettaq dak li tkun intrabtet bih, irid jirriżulta li, wara li jkun sar il-ftehim, tkun inħalqet ċirkostanza fiżika, materjali jew ġuridika li tolqot direttament in-negozju obbligatorju[36];

Illi fil-fehma tal-Qorti l-punt tat-tluq huwa l-fatt illi dak li wassal lill-atturi biex iqabbdu lill-imħarrek jagħmel ix-xogħlijiet ta' appalt kien il-fatt li l-istess imħarrek kien midħla tal-qasam tal-informatika, u kuntrarjament għall- persuni oħrajn li kienu ġew avviċinati minnhom, tahom x'jifhmu li kien lest li jagħmel dak ix-xogħol, wera ħerqa fil-proġett tagħhom u saħansitra għal xi żmien wera li kien interessat li jidħol fin-negozju magħhom[37];

Illi mill-provi mressqa fl-atti joħroġ illi kien l-imħarrek li stabbilixxa ż-żmien li fih kellu jitlesta s-Sit u dan wara li l-partijiet iddiskutew fit-tul dwar dak li huma xtaqu li s-Sit jipprovdi. Jirriżulta wkoll li kien l-imħarrek li abbozza l-ftehim. Bħala persuna midħla fuq xogħlu, minn qari tal-kuntratt jirriżulta li l-imħarrek kien konxju tal-fatt li l-bini ta' sit elettroniku kien suġġett għal tibdil jew żvilupp tant li huwa nnifsu ippropona, u ġie mill-atturi maqbul, li kemm-il darba jitqabbad ibiddel xogħol ġa mwettaq, kellu jitħallas għalih apparti;

Illi mhux kontestat li, fil-ġimgħat li l-imħarrek kien qed jaħdem fuq is-Sit, l-atturi talbuh ibiddel xi affarijiet minn dawk li kienu ftehmu fuqhom. Fil-fehma

---

[32] P.A. TM **19.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Camilleri et vs Charles Farruġia et noe***
[33] App. Ċiv. **28.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo vs Spiteri et***
[34] Art. 1639 tal-Kap 16
[35] Ara, per eżempju, l-artt. 1660 u 1661 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, imbasta tali xogħlijiet ma jkunux jaqbżu waħda minn sitta tal-appalt oriġinali
[36] App. Inf. PS **20.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Bonello vs Joseph Cutajar***
[37] Ara x-xhieda tal-attur Borġ mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 229, 231 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tiegħu f'paġ. 162 tal-proċess

tal-Qorti, din tidher li kienet riżultat ta' tliet fatturi jew ta' uħud minnhom. Fl-ewwel lok, il-qasam tal-informatika huwa wieħed progressiv li jiżviluppa tista' tgħid kuljum u għalqastant dak li ma kienx possibbli fid-data tal-ftehem seta' sar possibbli l-għada jew fil-granet li segwew: dan iġib miegħu l-ħtieġa ta' bidliet jew aġġornamenti li qajla wieħed jista' jorbothom fi ftehim preċiż. Fit-tieni lok, għandu jitqies il-fatt li kompetituri oħrajn f'dan il-qasam ħarġu b'ideat differenti li tellgħuhom fuq is-siti tagħhom u dawn laqtu l-għajn tal-atturi u ntgħoġbu minnhom, bir-riżultat li l-atturi wrew ix-xewqa li jkollhom bħalhom fuq is-Sit, u li dan seħħ wara li kien sar il-ftehim oriġinali mal-imħarrek. Fit-tielet lok, in-nuqqas ta' esperjenza ta' l-atturi f'dan il-qasam wasslet biex huma immaturaw fil-proġett tul l-iżvilupp tiegħu u b'hekk lanqas huma ma kellhom f'moħħhom b'mod ċar dak li riedu mis-Sit li qabbdu lill-imħarrek jiżviluppalhom;

Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti għall-fehma li l-fatt li l-imħarrek ma laħħaqx jagħmel dak miftiehem fiż-żmien maqbul fil-kuntratt kienu ċirkustanzi lil hinn mir-rieda u mis-setgħa tiegħu, u għaldaqstant m'għandux jiġi penaliżżat għalihom. Il-Qorti għaldaqstant ma tarax il-ħtieġa li tgħaddi biex tqis l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' twettiq tal-appalt fil-ħin min-naħa tal-imħarrek, jiġifieri li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[38] jew il-kwestjoni tal-penali meqjusa bħala għamla ta' danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jeħles mill-obbligu li jipprova li ġarrab ħsara, għaliex jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li mal-parti l-oħra jkun intrabat li jagħmel[39];

Illi l-atturi jorbtu t-talbiet tagħhom tar-radd lura tal-flus diġa` mħallsa minnhom maċ-ċirkostanza li x-xogħol appaltat lill-imħarrek ma tlestiex fil-ħin, filwaqt illi fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom, jilmentaw minn xogħol ħażin. Il-Qorti tqis li l-kawżali waħdanija li fuqha jinbena r-Rikors Maħluf hija d-dewmien fit-twettiq tal-appalt mogħti u mhux it-twettiq ta' xogħol li ma kienx skond il-ħila u s-sengħa. Il-Qorti ssib li din il-linja ta' argument 'ġdid' min-naħa tal-atturi li ma tirriżultax mill-premessi u lanqas mit-talbiet. Tqis ukoll li, kif sewwa jargumenta l-imħarrek fis-sottomissjonijiet tiegħu[40], l-atturi ħallsu lill-imħarrek somom ogħla minn dawk miftehma dwar ix-xogħol oriġinali u li tali ħlas sar żmien wara d-data miftehma fil-kitba li fiha kellu jikkonsenja s-Sit. Ħareġ ukoll li, għal xi żmien, l-atturi nqdew bis-Sit. Għaldaqstant il-Qorti mhux sejra tqis din il-kawżali ġdida mqajma mill-atturi;

---

[38] Art. 1125 tal-Kap. 16
[39] Ara Torrente _Manuale di Diritto Privato_, s. 300, paġġ. 490 – 1 , u art. 1120 tal-Kap. 16
[40] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 264H tal-proċess

Illi fid-dawl tal-fatt li l-Qorti waslet għall-fehma li ma jistax jingħad li l-imħarrek jaħti għal xi inadempiment minħabba d-dewmien fit-twettiq tal-appalt mogħti lilu, joħroġ li r-raġuni li fuqha jissejsu t-talbiet attriċi ma teżistix jew, għall-anqas, ma ġietx ippruvata kif imiss. Minħabba f'hekk, it-talbiet attriċi mhumiex mistħoqqa u għalhekk ma humiex sejrin jintlaqgħu. Ikun bla siwi wkoll li l-Qorti tidħol fi stħarriġ dwar il-kwestjoni tal-penali jew il-likwidazzjoni ta' danni pretiżi mill-atturi, ladarba dawn ukoll kienu marbutin mal-premessa tad-dewmien fit-twettiq tal-obbligazzjoni bi ħtija tal-imħarrek;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** preliminari mressqa mill-imħarrek bħala mhix mistħoqqa;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**12 ta' April, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**12 ta' April, 2018**